# IL-Ħuttafa

POBox 498 Valletta CMR 01

Numru 3 Lulju Awwissu 1994




Għeruq Ġodda paġna 3



Dan il-magażin stampat fuq karta riċiklata



Desirée Falzon

*Widnet il-Baħar*

MOS BirdLife INTERNATIONAL

IL-Magażin tal-KLABB ĦUTTAF



# editorjal

**Għeżież Ħuttaf,**



Min jaf kemm smajtu u qrajtu li l-annimali m'għandniex naħqruhom jew noqtluhom. La intom fil-Klabb Ħuttaf bilfors taqblu li l-għasafar għandna nħarsuhom. Imm'issa kieku kelli nistaqsikom: Għaliex? ...X'tgħiduli?

Żgur li fil-pront twiġbuni li għandna nħarsuhom għax jagħmlulna l-ġid u li jsebbħu l-ambjent.

Imma ħej!! Kieku nurikom ritratt ta' farfett il-lejl mill-viċin, qisu xi ħaġa ħierġa minn film tal-waħx. Possibli dal-"wiċċ ta' xitan" isebbaħ l-ambjent? *Għandna* nħarsuh dan? Jew bugħarwien daqsxiex kollu żlieġ u tidlik? Sabiħ dan? *Għandna* nħarsuh dan?

U kieku nsemmilkom xadin li jgħix fis-siġar fil-foresti enormi ta' l-Amerka t'Isfel! Jew għakreb (skorpjun) moħbi taħt ġebla f'deżert ramel fejn ħadd ma rifes! Kif tista' timmaġina li dawn qed jagħmlulna xi ġid? Allura *għandna* nħarsuhom lil dawn?

It-tweġiba, ħbieb, hija IVA KBIRA. L-ewwel u qabel kollox mhux il-ġmiel li jgħodd. U x'jiġifieri rridu bilfors noqogħdu npoġġu kull ħlejqa f'miżien u naraw kemm ġid se jagħmlilna dan jew kemm ġid se jagħmlilna l-ieħor. Mela l-annimali se joqogħdu l-ħin kollu jseftrulna? Kemm naħsbu li aħna heroes?

L-ANNIMALI GĦANDNA NĦARSUHOM GĦAX HUMA ĦAJJIN BĦALNA U GĦAX DAQSNA GĦANDHOM ID-DRITT LI JGĦIXU. FULLSTOP!!





**Victor Falzon**
**L-Editur**

Nixtiequ nirringrazzjaw lis-sur Raymond Galea li għoġbu jgħaddilna numru sabiħ ta' ritratti ta' għasafar u natura biex nużawhom fil-magażin. Thanks Ray!!




Kull qalb trid oħra!!!

## Iktbulna

**Għandkom xi idejat għall-Ħuttafa?** Għandkom xi ċajta tajba, xi logħba interessanti, xi poeżija dwar in-natura li ktibtu intom? Hemm xi ħaġa li tixtiequ tistaqsu lill-esperti tagħna? Iktbulna f'dan l-indirizz:

**L-Editur Il-Ħuttafa**
**Klabb Ħuttaf**
**MOS POBox 498**
**Valletta CMR 01**

← *Faċċata ta' Quddiem*

**Widnet il-Baħar**

(*Palaeocyanus crassifolius* - Maltese Rock Centaury)

Il-pjanta nazzjonali ta' Malta. Widnet il-Baħar hija endemika għal Malta, jiġifieri ma tinstab imkien iktar fid-dinja. Tikber ma' l-irdumijiet li jagħtu fuq il-baħar, l-aktar fin-naħa tal-Lbiċ tal-gżejjer Maltin. Dil-pjanta hija waħda mill-ftit pjanti mħarsa bil-liġi: taqtgħux minnha!

Il-Klabb Ħuttaf hija t-taqsima ta' l-MOS li tieħu ħsieb il-membri taħt l-erbatax-il sena. Din it-taqsima torganizza attivitajiet bħal ħarġiet fil-kampanja, żjajjar f'riservi naturali, taħdidiet bi slajds u xi drabi xogħol ambjentali. Il-Klabb Ħuttaf jippublika n-newsletter-magażin Il-Ħuttafa kull xahrejn għall-membri, u jipproduċi handouts, worksheets, logħob u kompetizzjonijiet għal waqt l-attivitajiet. Il-membri huma bħalissa maqsumin f'żewġ reġjuni ġeografiċi, jiġifieri l-Ħuttaf ta' Fuq u l-Ħuttaf t'Isfel. Il-Klabb huwa mmexxi minn working group ta' Youth Leaders.

© MOS 1994

Stampat għand Poulton's Print Shop






# Beda jbejjet l-Isturnell!!



L-isturnell huwa wieħed mill-iktar għasafar komuni fl-Ewropa. Issibu jbejjet f'ħafna bliet u rħula ta' pajjiżi Ewropej. F'Malta wkoll l-isturnell ikun komuni ħafna fil-ħarifa u fix-xitwa. Kultant il-berdwoċers tagħna jaraw qtajja' kbar b'mijiet u anke eluf. Imma qatt ma nstab ibejjet. Din is-sena, proprju f'Ġunju li għadda, membru attiv ta' l-MOS ra sturnell iżoqq grupp ta' frieħ fil-grawnd tal-Furjana... sinjal ċar li fil-qrib kien hemm xi bejta.




# L-Għerq infirex..!





L-irdum ta' Ħad-Dingli

Victor Falzon

Ilkoll smajtu bil-famuż Għerq Sinjur. Din hija pjanta stramba li fl-imgħoddi kienu jaħsbuha tajba bħala mediċina għall-mard tad-demm (minħabba li hija ħamra). Fil-kotba dejjem qrajna li f'Malta din tikber biss fuq il-Ħaġra tal-Ġeneral, fid-Dwejra f'Għawdex. Hekk konna naħsbu sa ftit tax-xhur ilu. Issa nstabet ukoll ma' l-irdumijiet ta' Ħad-Dingli, imma f'post li impossibli tilħqu.

# Mid-dinja...



## Ġej il-Lupu! Ġej il-Lupu!

In-nies minn dejjem kienu jibżgħu mil-lupu. Fil-leġġendi, fil-ħrejjef, anke fil-parabboli dejjem jissemma bħala l-kattiv u l-qattiel. Però n-naturalisti jafu li l-lupu huwa parti importanti mill-bizzilla tal-ħajja, u ilhom jippruvaw jgħallmu dan lin-nies. Fl-aħħar l-edukazzjoni donnha qed tiftaħ l-imħuħ. Wara li kważi nqered kompletament mill-Istati Uniti, issa l-Amerikani reġgħu jriduh. Fil-fatt se jinġiebu 50 lupu mill-Kanada u se jintelqu fil-Yellowstone National Park. Sadanittant, iktar viċin tagħna, fil-Kroazja ntlemaħ il-lupu mill-ġdid fl-inħawi ta' Split, wara nuqqas ta' 50 sena.

# ittri



## Ħuttafa kuntenta!

**Għażiż Editur,**
**Jien jisimni Rosette Said Sarreo u għandi 12-il sena. Jiena waħda mill-aktar membri li daħlu riċenti u ħajjarni ninghaqad magħkom ħija Robert li hu membru wkoll. Nixtieq nirringrazzjakom talli bgħattuli l-Ħuttafa d-dar u talli tippruvaw tħeġġu lil ħaddieħor biex ma jagħmilx ħsara lill-ambjent.**
**Ninsab kuntenta li dħalt magħkom u nispera li ħadtu gost bija intom ukoll. Nixtieq li din l-ittra tippublikawha fuq il-Ħuttafa li jmiss. Jien inħobb il-kraft, il-qari, it-tpinġija u nħobb noħroġ qalb il-kampanja.**
**Naf x'inhu l-messaġġ tal-kliem li għadda romblu minn fuqhom, u dan hu: Nirrispettaw lin-Natura.**

**Rosette**

Għażiża Rosette,
Grazzi ta' l-ittra tiegħek u prosit talli dħalt membru magħna. Nispera li int u ħuk tkomplu tkabbru l-interess tagħkom fin-natura u fl-ambjent, u tħajru aktar ħbieb jissieħbu fil-Klabb Ħuttaf.
Qisu issa li tippruvaw tattendu xi attivitajiet, biex b'hekk tgawdu kemm tistgħu mill-Klabb, fl-istess ħin titgħallmu iktar u tagħmlu koċċ ħbieb ġodda.
U l-messaġġ qtajtu preċiż!!

L-Editur

## Irġiel bil-mejkapp?

**Sur Editur,**
**Jien għadni nidħol membru fl-MOS. Il-Ħuttafa sibtu tasew interessanti u attraenti. Fuq l-istampa li bgħatt urejt x'naħseb li jgħidu l-għasafar fuq il-kaċċaturi. Jien inħobbha n-natura u meta nisma' tir, inħoss għafsa ta' qalb. Tgħidx kemm tħabatt biex iddubbajt applikazzjoni.**
**Jien għandi problema. Vera li l-faġan raġel hu kkulurit iktar min-nisa biex jiġbidhom?**

**David**
**Ħal Għaxaq**

Għażiż David,
Grazzi ta' l-ittra tiegħek u grazzi ta' l-affarijiet sbieħ li għidtli dwar il-magażin tagħna. Issa li dħalt mal-Klabb tagħna nispera li narawk ukoll f'xi attivitajiet. Grazzi wkoll tat-tpinġija tiegħek, li għandek issibha f'paġna 7 ta' dil-ħarġa.
Niġu għall-mistoqsija tiegħek. Il-faġan (pheasant) ir-raġel, u miegħu ruxxmata għasafar u annimali oħra, ikun soltu ħafna aktar sabiħ u mlewwen mill-mara. Dan mhux biss biex jitkessaħ u jiddandan u jiġbed lin-nisa lejh, imma wkoll biex bil-kuluri jgħajtu tiegħu juri sew il-preżenza tiegħu lil xi rġiel oħra li jittantaw jidħlulu fit-territorju tiegħu. Speċi ta' riklam li jgħid: Jien hawn! Aqilgħuli!!

L-Editur





# iż-Żippu

minn
Mark Falzon

**Madwar** 14-il speċi ta' għasafar jisfidaw in-nixfa sajfija ta' Malta, u jibnu l-bejta f'pajjiżna. Wieħed minnhom huwa l-Bagħal ta' l-Imrewħa.

Magħruf fostna l-berdwoċers bħala ż-Żippu, il-Bagħal ta' l-Imrewħa jiġi mill-familja tal-bufuli (warblers). Hu għasfur żgħir, mislut u fuq tiegħu. Lewnu huwa kafellatte bi strixxi skuri u żaqq ċara. Saqajn il-ferħ huma ħamranin u dawk tax-xiħ lewn it-tiben. Jiekol insetti u għalhekk għandu munqar irqiq u tawwali.



**Iż-Żippu fid-daħla tal-bejta**

Joe Sultana

L-istorja taż-Żippu f'Malta hija interessanti. Sa l-1973 ż-Żippu kien rari f'Malta u x'aktarx li ma kienx ibejjet. Dik is-sena mbagħad instabu żewġ bejtiet fejn illum hemm ir-riserva tas-Simar. Jidher li l-ambjent Malti niżel tajjeb mal-frieħ u dawn baqgħu joktru sakemm illum iż-Żippu huwa wieħed mill-iktar għasafar komuni li jbejtu f'Malta. Tisimgħu tista' tgħid kullimkien, anke qalb il-bini. Jippreferi imma l-għelieqi tal-qamħ, fejn l-ambjent huwa idejali biex jibni l-bejta.



**Il-bejta taż-Żippu**

L-istaġun tal-bejta jiddependi ħafna mit-temp, iżda bejn wieħed u ieħor jibda mill-aħħar ta' Frar u jibqa' sejjer s'Awwissu. Iż-Żippu huwa *poligamu* - jiġifieri r-raġel x'aktarx ikollu iżjed minn mara waħda. Għalhekk Żippu wieħed jibni diversi bejtiet fit-territorju tiegħu, u dawn jittieħdu minn nisa differenti. Hawnhekk ir-raġel ikollu biċċa xogħol iebsa - dik li jħares it-territorju kontra rġiel oħra. Għal dan il-għan iqatta' ħin twil jittajjar u jgħanni l-għanja karatteristika tiegħu: Zipp!...Zipp!...Zipp! Jekk kollox imur tajjeb kull mara tbid minn tlieta sa seba' bajdiet, f'bejta qisha ġewlaq żgħir b'għonq dejjaq. Wara 12-il jum il-bajd ifaqqas.

It-trobbija tal-frieħ huwa xogħol il-mara. Spiss narawha ġġorr xi xagħat biex iżżoqq liż-żgħar tagħha. Wara xi 15-il jum dawn itajru, u l-mara tkompli żżoqqhom għal xi jiem qabel taħseb għal boton ieħor.

Fix-xhur tal-ħarifa u tax-xitwa, iż-Żippu jinġabar fil-widien biex iqatta' l-lejl. F'xi nħawi mijiet jinġabru fl-istess roqgħa, li spiss tkun folta bil-qasab u s-simar, pjanti li joffru kenn mill-grieden, ballottri u l-għedewwa l-oħra li jikkaċċjaw bil-lejl.

Il-bniedem ftit li xejn jagħmel ħsara diretta liż-Żippu. Dan għaliex huwa għasfur żgħir li ma tantx jagħti fl-għajn. Iżda l-bexx, il-qerda tal-kampanja u l-ħruq ta' "ħaxix ħażin" kollha jagħmlu ħerba min-natura, u xejn inqas liż-Żippu li huwa parti minnha. Jibqa' l-fatt li l-akbar għadu taż-Żippu huwa x'aktarx is-Serp Iswed li jattakka l-frieħ fil-bejta. Dan ma jfissirx li għandna nistmerru lis-serp, għax wara kollox dan irid jiekol ukoll.

Kieku ż-Żippu kien ikbar żgur li ma kienx jitħalla jbejjet, anzi kien jiġrilu kif ġralhom iċ-Ċawla, il-Barbaġann, l-Ispanjulett u l-Bies. Is-suċċess taż-Żippu hu xhieda ċara li meta nħalluhom, l-għasafar jibqgħu fostna u jsiru parti mill-kampanja tagħna. Forsi meta l-Malti jitgħallem li għasfur ħaj hu tant isbaħ minn wieħed mejjet, dan jibda jiġri aktar ta' spiss.

Malti: **Bagħal ta' l-Imrewħa**
jew **Żippu**
Ingliż: **Fan-tailed Warbler**
Latin: ***Cisticola juncidis***

**Dan huwa r-rapport li kiteb Ian Balzan dwar il-ħarġa ta' Kemmuna ta' l-24 ta' April 1994...**





Ian qiegħed jeħles għasfur wara r-ringing

## Ħarġa Avventuruża fuq Kemmuna

Sakemm stennejna l-lanċa għal Kemmuna jien u żewġt iħbieb oħra u l-bqija tal-grupp konna fuq ix-xwiek. Dakinhar kulħadd kien armat sew, min ġie bit-trombi, min ġie bil-kamera u min ġab il-kotba ta' l-għasafar.

Wara ftit minuti nistennew il-Marfa, tfaċċat il-lanċa. Kif waslet mal-moll, aħna lkoll irkibna fuqha u tlaqna għal Kemmuna. Fil-vjaġġ, sid il-lanċa dawwarna ma' Kemmuna. Ħadna l-Blue Lagoon u daħħalna ġo grotta.

Inżilna fil-bajja ta' Santa Marija u l-leaders firdu l-grupp fi tnejn. Il-grupp tagħna konna żewġ leaders, xi ġenituri u għaxart itfal.

Waqt li konna mixjin rajna ħafna għasafar rari fuq Kemmuna bħal **Kaċċamendula** (woodchat shrike), ħafna **buful u bekkafiki** (warblers) differenti u ħafna **Ħuttaf** (swallows). Wara xi siegħa u nofs nimxu, waqafna ħdejn grupp ieħor ta' l-MOS. Dawn kienu qed jaqbdu l-għasafar, jieħdu xi noti, jirringjawhom u jerġgħu jitilquhom.

Wara komplejna nimxu u rajna żewġ **Daqquqiet tat-Toppu** (hoopoes), għasafar li għandhom toppu rix fuq rashom u li mhumiex komuni. Kif komplejna nimxu rajna għasfur kbir: kien **Spanjulett** (kestrel), imma peress li kien fl-għoli ma stajniex narawh ċar. Dakinhar konna fortunati għax wara nofs siegħa rajna ieħor fuq ċint tas-sejjieħ.

F'xi l-4.00pm rritornajna Malta għajjenin imma ferħanin b'dak li rajna u tgħallimna.






Norman Chetcuti

Is-Samurai Norman Chetcuti jispjega l-arti fina ta' l-Origami lill-membri, waħda mill-attivitajiet waqt il-Lejla Kraft.



Desirée Falzon

Il-Lejla Kraft ta' l-20 ta' Mejju kienet suċċess. Naraw lill-membru Kyra Vassallo (xellug) qed tirċievi mingħand Desirée Falzon il-mużajk li rebħet wara li lestietu flimkien mal-membri l-oħra li attendew din is-serata. Fl-isfond aktar membri, ġenituri u leaders



# ART GALLERY

**Tinqala' għat-tpinġija?** Tħobb tiskeċċja annimali u pjanti? Tixtieq lil ħaddieħor japprezza l-arti tiegħek? X'qed tistenna? Ibagħtilna xogħlok, u aħna nieħdu pjaċir inġibuhulek fil-Ħuttafa. Basta mhux bil-kulur. Iibgħat ukoll ismek, l-età u x'inhu l-annimal jew pjanta li tkun pinġejt.

***Seqer***
*minn* ***Christopher Meli***
*(10 snin)*






***Barbaġann***
*minn*
***Stephen Caruana***

***Fjamingi u Kaċċa***
*minn* ***David***






# LOTTERIJA 94

Il-Lotterija miexja tajjeb ħafna, u s'issa nbiegħu ħafna pakketti - hemm min biegħ ħames jew sitt pakketti, u daħħal ħames jew sitt liri! Però xorta waħda baqa' ħafna x'jidħol. Għalhekk nerġgħu nappellawlkom biex min għadu ma biegħx il-biljetti kollha jagħmel sforz ieħor u jipprova jtajjarhom!!!
Ftakru li ċans għandkom sat-23 ta' Settembru. Grazzi u prosit.

## Dawn huma l-10 membri li rebħu l-lotterija

**li daħlu għaliha dawk li ġeddu l-miżata sa l-aħħar ta' Mejju.**







**Bernard Vella** minn Misraħ Kola
**Annika Formosa** min-Naxxar
**Andrew Grech** minn Tas-Sliema
**Alan Mercieca** minn Fleur de lys
**Edward Żammit** minn Birkirkara
**Nicholas Mallia** minn San Ġiljan
**Arist Cordina** mill-Belt
**Daniel Borg** minn Ta' Xbiex
**Clayton Borg** minn Tal-Virtù
**Tiziana Aquilina** minn Birkirkara

Il-lotterija ttellgħet nhar is-17 ta' Ġunju waqt Lejla Slajds Ħuttaf. Mill-ismijiet li telgħu, tliet membri kienu preżenti għal din is-serata u ħadu l-basket tagħhom. Dawk li ma ħaduhx nitolbuhom imorru sa l-MOS Nature Shop f'65 Triq Santa Luċija l-Belt mhux aktar tard mill-aħħar ta' Awwissu.
**Importanti li jieħdu magħhom l-ittra li bgħatnilhom.**

# Daħħal Membru Ġdid



**Offerta speċjali**

**Daħħal membru ġdid mal-Ħuttaf u nagħtuk sett ta' erba' posters bil-kulur dwar l-annimali u l-pjanti ta' Malta. Sewwa smajt: erba' posters mimlijin rettili, mammiferi, fjuri eċċ.**

Imla dil-formola u ibgħatha lil: **Daħħal Membru Ġdid, Klabb Ħuttaf MOS, POBox498 Valletta CMR 01**

Jekk ma tridx tgħarraq il-magażin tista' tieħu fotokopja u tibgħat lilha

## *Ibgħatli dawk il-posters issa stess!!!*

Iva, għadni kemm daħħalt membru ġdid! Jiena jisimni ______________________.
In-numru tal-membership tiegħi huwa [ ]. Dawn li ġejjin huma d-dettalji tal-membru l-ġdid/a li daħħalt jiena.

**Isem u Kunjom:** ______________________

**Indirizz:** ______________________



**Data tat-twelid:**

| jum | xahar | sena |
|---|---|---|
| | | |

**Telefon:** ______________

Ma' dil-formola għandek issib b'lira bolli (mhux użati) tal-5ċ jew ċekk/postal order ta' Lm1.